

# MITT SENA MIS-SETTE GIUGNO (1919-2019)

✍ Euchar Mizzi

Din is-sena qed infakkru l-mitt sena mill-ġrajjiet magħrufa storikament bħala l-"Irvellijiet tas-Sette Giugno". Ġrajjiet patrijottiċi li tajjeb li nibqgħu niftakruhom u nfakkruhom biex qatt ma ninsewhom u allura nippruvaw naċċertaw li qatt aktar ma jerġgħu jirrepetu ruħhom f'pajjiżna. Ġrajjiet koroh li fihom inxtered id-demm tal-Maltin fi ġlieda mal-barrani għall-kundizzjonijiet ta' għixien aħjar u għal-libertà u demokrazija sħiħa għall-Maltin u għall-Għawdxin kollha.

L-irvellijiet tas-7 ta' Ġunju li seħħew fil-Belt Valletta, fi Strada Reale, faċċata tal-Bibliotheca li tinsab fi Pjazza Reġina, kantuniera ma' Pjazza *Main Guard*, fejn erba' vittmi ħallsu b'demmhom għall-kotra. Taqtigħa kontra l-Ingliżi li diġà kienu ilhom jaħkmu fuq Malta aktar minn 100 sena. Dakinhar, il-Kumitat Patrijottiku Malti, kien qed jitlob għal riforma kostituzzjonali sabiex il-Maltin jikkontrollaw huma materji finanzjarji ta' pajjiżna, irriżenjaw bi protesta mill-Kunsill tal-Gvern. Dawn l-irvellijiet saru sforz tal-qagħda politika u dik ekonomika li rrendiet lill-Malti u lil Għawdxi jsofri, jiġi mċaħħad u umiljat mill-Gvern Ingliż. Il-kawża li qajmet il-korla tal-Maltin u l-Għawdxin kienet magħrufa biżżejjed.

Illum il-ġurnata nafu li minbarra dawn l-erba' vittmi kien hemm tnejn oħra li naturalment mietu ġranet wara imma b'kawża ta' feriti li sofrew waqt dawn l-istess irvellijiet. Għalhekk hu xieraq li qed issir pressjoni fuq l-awtoritajiet sabiex dawn iż-żewġ vittmi l-oħra jiżdiedu wkoll mal-erba' ġa mniżżla u magħhom jingħataw ir-rikonoxximent li jixirqilhom.




*Waqt il-laqgħa tal-Assemblea Nazzjonali fic-Circolo La Giovine Malta, fil-25 ta' Frar 1919*

## Ir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Nazzjonali:

Permezz ta' dan l-artiklu qasir tiegħi, ser nagħmel referenza għall-ewwel darba, għar-Riżoluzzjoni li saret fil-laqgħa tal-Assemblea Nazzjonali tal-25 ta' Frar 1919 fiċ-*Circolo La Giovine Malta*, bl-appoġġ sħiħ tal-għaqdiet membri tagħha, u li hija din:

*"Ta' kull Rappreżentant ta' veru u leġittimu tal-Poplu fil-Kunsill tal-Gvern, Tar-Reverendi Kapitli Djoċesani ta' Malta u Għawdex, Tal-organi kollha tal-istampa, mingħajr distinzjoni ta' kulur jew lingwa, Tal-Kamra tan-Nobbli, Tal-Kamra tal-Avukati, Tal-Korp Mediku, Tal-Korpi tan-Nutara Pubbliċi, tal-Periti, tal-Prokuraturi Legali u tal-Ispiżjara, Tal-Kamra tal-Kummerċ, Tas-Soċjetà tal-Agrikultura u tal-Arti, Manifattura u Kummerċ, Tal-Kamra tal-Kummerċ, Tas-Soċjetà tal-Istorja, Xjenza, Letteratura u Politika, Tal-Kolleġġjati, Tal-Istudenti Universitarji, Tal-Għaqdiet tal-Artiġjani u tal-Ħaddiema, Taċ-Ċirkoli u tas-Soċjetajiet kollha mużikali u tad-drama taż-żewġ gżejjer, Filwaqt li nfakkru fil-passat glorjuż storiku u politiku ta' dawn il-gżejjer, minn żmien l-Imperaturi Rumani sa dawk tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann: Filwaqt li niftakru fil-fatti erojċi li bihom huma, fl-1800, ħarġu minn kull sovranità barranija, u l-ftehim ċar li bih taw ruħhom spontanjament taħt il-bandiera tal-Gran Brittanja; Filwaqt li jiddeploraw il-vjolenza min-naħa tal-Gvern Brittaniku, u l-kundizzjonijiet li bihom ġew rikonoxxuti l-protezzjoni taż-żewġ gżejjer mill-Ingilterra; Filwaqt li japprovaw il-protesti kollha u t-talbiet kollha magħmulin mill-poplu u mir-rappreżentanti leġittimi tiegħu waqt id-dominazzjoni preżenti, kontra kull attentat tal-libertà tiegħu u għas-sentiment nazzjonali tiegħu; Filwaqt li jaffermaw id-dritt sħiħ u impreskrittibbli naturali u storiku tal-Maltin u li jkollhom gvern xieraq tar-razza u taċ-ċiviltà tagħhom, u konformi mal-prinċipji għoljin tal-libertà u nazzjonalità, li ġew proklamati b'mod nobbli u difiżi vittorjożament min-Nazzjonijiet Alleati fil-gwerra formidabbli kontra l-Imperi Ċentrali; Filwaqt li jiftakar fil-parti importanti fir-redenzjoni umana li Malta kellha fil-Gwerra l-Kbira, parti espliċitament u spontanjament rikonoxxuta mill-Maestà Tiegħu r-Re u mill-Gvern tiegħu lokali u imperjali; Filwaqt li jfakkru fil-prinċipji tal-libertà* u l-ġustizzja li kienu r-ruħ tal-Kostituzzjoni Ingliża sa minn żminijiet imbiegħda, u filwaqt li jfakkru fil-wegħda solenni magħmula mill-Maestà *Tagħha Brittanika fid-diskors tiegħu lill-President Wilson, fid-data tat-28 ta' Diċembru 1918, li jixtieqù jwettqu fid-dinja kollha, 'l hinn mit-truf tal-Ingilterra, dawn il-prinċipji kostituzzjonali u demokratiċi t'hawn fuq għall-ġid tad-dinja kollha.*




*Id-dimostrazzjoni tal-istudenti tal-Università fi Strada Rjali fit-23 ta' Mejju 1919*

*Jiddelibera;*

1. *Jitlob bir-rispett lill-Maestà Tiegħu r-Re forma ta' Gvern li jirrispondi għal dawn il-prinċipji t'hawn fuq, li għall-inqas jiżgura lill-poplu, mingħajr distinzjoni ta' klassi u fil-qadi tas-servizzi ta' interessi lokali, awtonomija sħiħa politika u amministrattiva, minbarra kull dritt akbar li eventwalment jiġi rikonoxxut lil dawn il-Gżejjer mill-Konferenza tal-Paċi;*
2. *Li jinkariga lill-President biex iwassal lill-Gvern tal-Maestà Tagħha Brittanika, din ir-Riżoluzzjoni flimkien mal-lista ta' dawk il-membri li qablu fl-Assemblea Nazzjonali, u jawtorizzawh li jerġa' jlaqqa' l-Assemblea wara li jkun irċieva r-risposta tal-Gvern Imperjali."*

Kulħadd kien jistenna r-risposta għal din ir-Riżoluzzjoni, iżda din ir-risposta baqgħet ma waslitx mill-Gvern Ingliż. Ġiet imsejħa għalhekk laqgħa tal-Assemblea Nazzjonali biex tkompli bil-pressjoni fuq il-Gvern Ingliż.

Ir-reazzjoni ta' korla ta' protesta tal-poplu Malti u Għawdxi kienet motivata minn sens nazzjonali u minn sens ta' offiża fit-trattament inġust u umiljanti mill-Gvern Ingliż.

Kien is-Sibt 7 ta' Ġunju 1919, meta kellha tinżamm laqgħa importanti ħafna tal-Assemblea Nazzjonali sabiex tiġi approvata r-Riżoluzzjoni li tidher aktar 'il fuq u li kif ġa għedna kellha l-appoġġ unanimu barra ta' Dr. Augusto Bartolo, editur tad-*Daily Malta Chronicle*. Bħala sinjal ta' approvazzjoni u aċċettazzjoni pubblika, il-ħwienet u l-istabilimenti kummerċjali fil-belt Valletta kienu mistennija li jagħlqu.

Folla kbira daħlet il-belt u mill-ewwel innotaw li fuq l-istabiliment tal-ħwejjeġ *A La Ville de Londre,* kien hemm iperper il-*Union Jack* u baqa' miftuħ bi sfida waqt li kienet għaddejja l-laqgħa. Xi demostranti attakkaw il-ħanut u qattgħu l-*Union Jack.* Oħrajn bdew jitfgħu l-ġebel għall-Palazz Maġisterjali u għall-Bibliotheca. Il-bandiera Ingliża tniżżlet minn fuq il-bejt tal-Bibliotheca. Kien mitfugħ ukoll il-ġebel lejn il-*British Officer's Headquarters* u l-*Union Club*, meta n-nies innotat li suldati kienu diġà ġew ippustjati fuq Kastilja u l-pulizija għalqu l-bibien tal-Palazz. Bdew l-irvellijiet kontra l-Ingliżi billi simbolikament qattgħu l-Bandiera Ingliża u bdew joħorġu fit-triq waqt li l-Assemblea Nazzjonali kompliet bil-laqgħa tagħha. Grupp ta' nies preżenti daħlu u qerdu l-*printing-press* tad-*Daily Mail Chronicle*. Wara daħlu u attakkaw id-djar



*Il-folla mgħassa mill-pulizija waqt il-protesta*

ta' A. Cassar Torregiani, li kien importatur tal-qamħ, kif ukoll għand Francesco Azzopardi fi Triq il-Fran u farrkulu l-għamara kollha. Hawn il-Pulizija tilfet il-kontroll u l-Aġent Gvernatur iddeċieda li jdaħħal l-armata biex jipprova jikkontrolla s-sitwazzjoni. Dawn bdew jisparaw mingħajr ordni u qatlu liż-żagħżugħ Manwel Attard u lil Ġużè Bajada mix-Xagħra li kellu f'idu Bandiera Maltija.



*Il-pulizija jippruvaw jikkontrollaw il-folla waqt il-protesta*

Il-Laqgħa tal-Assemblea kellha tieqaf ħesrem u ħarġu jippruvaw jikkontrollaw il-folla li issa kienet f'dagħdija kbira u li s-suldati komplew jisparaw u diversi kienu feruti. Ftit wara kienu mietu tnejn oħra, Lorenzo Dyer u Carmelo Abela. Aktar tard mietu xi oħrajn li wkoll jingħad li mietu b'effett tal-feriti li ġarrbu waqt dawn l-irvellijiet.

## Il-Vittmi tas-Sette Giugno – 1919:

Il-vittmi tal-irvellijiet tas-Sette Giugno; Lorenzo Dyer, Emmanuele Attard, Giuseppe Bajada (Għawdxi) u Carmelo Abela, kienu ġew eżumati wara tliet snin midfunin biex il-fdalijiet tagħhom indifnu f'qabar ġdid monumentali fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata. Kif għedna ġa qabel, ma' dawn l-erbat irġiel, storiċi sabu li kien hemm xi oħrajn li kienu ġew feruti u eventwalment mietu kaġun tal-istess feriti li ġarrbu f'dawn l-irvellijiet. Tnejn min-nies oħra huma Antonio Cassano (li bi żball tniżżel Caruana) u Francesco Darmanin. Fil-fatt dawn iż-żewġ ismijiet insibuhom miktuba wkoll fuq l-istess monument però fil-ġenb tiegħu u mhux mal-oħrajn. Kien proprju din is-sena għeluq il-100 Anniversarju ta' din il-ġrajja li reġgħet qamet id-diskussjoni dwar dawn iż-żewġ vittmi sabiex isir sforz patrijottiku ġenwin u wara li jiġi aċċertat is-sehem ta' dawn iż-żewġ persuni, isimhom jiġi miżjud kif huwa xieraq u ġust kemm għalihom kif ukoll għall-familji tagħhom.


Malta Taghna

No. 1689 IS SIBT, 14 TA GIUNJU, 1919 SENA XXIX

- BANCA -
P. P. FORMOSA & Co.
26, Strada Zaccaria, 26
VALLETTA.

Dil Banca tixtri u dbieh Titoli.
Dbieh Titoli bil premii, bil pagamenti fix-xahar, bi prezziet correnti bafus.
Tanticipa flus fuk Titoli.
Issarraf copuni mghaluka.
Thallas Titoli li iconu ghalka.
Tghamel ucoll verifica ta cull Titolu ta estrazioniet li iconu saru.
Tghati informazioniet fuk it titoli u fuk il movimentu tal Borsa u in generali tghamel qualunque operazioni Bancaria.

Franco Anglais Modes
179 Sda. Forni-Valletta

Vittorina Muscat Zammit,
Modista.

Li Scrittura Imkaddsa (bit-talian) —zeug volumi cbar, illegati, bil famusi stampi ta Gustavo Dorè—Illum ma tinstab izied ghal bejh — Tista tghedd gdida ghal collox—Bla dbaja, tkattiob jeu callu tas-suaba.
Prezz irbis—in-nofs li suiet.

Carta Colorita Cilindrata ta l'istampa
Cull risma fiha 500 folia, kies cbir tajba ghal qualunque xoghol—Prezz irbis
Min irid jacquista minnha imur tas-Sliema.
Prince of Wales Road No. 191

GHAL CHIRI
Camra b'tieka ghall barra fi Sda. Scaloni No. 11 il Belt cbira ariosa u salielsa.
Chera irbis. Ghall'informazioni fil stess xatrija.

Stam. Giov. Camilleri, 34 Sda. Forni

TIFCHIRA ETERNA
TAL KATT MINSIJA VITTIMI

EMMANUELE ATTARD
TA 26 SENA MIN TAS-SLIEMA

GIUSEPPE BAJJADA
MIX-XAGHRA (GHAUDEX)

LORENZO DYER
MIL BIRGU

LI HAJJITHOM
ISSAGRIFICAU GHAL PATRIA
TANT GHAZIZA
FIS-7 TA GIUNJU 1919
GIO'L BELT VALLETTA.

INTHOM
PATRIOTTI KARREJJA
CUNU LEJHOM
RICONOXXENTI
U BIT-TALB KAUUI TAGHCOM
ISSUFRAGAU
LIR-RUH GHAZIZA TAHHOM
CHIF IRIDU MINNA
IR-RELIGION U'L PATRIA

IS-7 TA GIUNJU

Ta tifchira li katt, katt u katt ma tintesa mill poplu malti, hia din il giurnata imsemmija; giurnata li fiha il maltin, tenneu ghat-tieni darba, li huma sodi u kalb uahda biex icomplu jitolbu lill'Inghilterra iddrittijet sagrosanti tal-libertajet tahhom scont il Hakk u il Giustizia, mill'Inghilterra stess imueghda, meta il kalbiena missirijetna min jeddom ixxtehtu taht il protezioni tahha.

Imlakkgha giet ghat-tieni darba, f'din id-data, l'Assemblea Nazionali, imuakkfa mill cbir Patriotta tabib Filippo Xiberras, bli stess kauna u bli stess sentimenti ta l'euuel darba, tal 25 ta Frar li ghadda, fis-sedo tac-Circolu "La Giovane Malta" u fiha ghaddiet Risolazioni 'ohra biex tigi ucol mibghuta tant lill Gvern locali chemm lill Ministru tal Colonii, li din id-darba nisperau li meta jara hecc soghda il ghakda u ix-xeuka tal poplu malti li dejjem chien fidil u leali lejn l'Inghilterra, u li dejjem talab legalment dac li hakku, ma jibkax ma jatiehx dac li kighed jitlob per mezz ta din l'Assemblea composta mir-rappresentanti tal popolazioni intera ta cull classi u condizioni, tas-societajet u corpi colla tal gzira u tal veri u legittimi rappresentanti tighu fill Cunsill, comprisi il Cleru Seculari u Regulari u li stampa colla indistintament, li colhatt f'sali jifforma kalb, hsieb u vuci uahda, li his il ghajta ta MALTA li m'hix contenta b'din il hrafa ta Costituzioni u li Lilha tigi moghtija dic il-libertà li ghaliha l'Inghilterra ... l'Alleati tahha iccumbatteu sa... u li Hia b'hilitha colla ghene...

Il poplu, biex izied isahhal... conferma dac li chienu keghdin... mlu id-Delegati tighu fl'Asse... ghalak l'imhazen, stabbilimen... zeriji, huienet, ecc., u in... Strada Riali, biex ancho ... ment jipprotesta, bla part... l'attuali Costituzioni.

*L-ewwel paġna ta' 'Malta Tagħna' tal-14 ta' Ġunju 1919, ġimgħa wara, bl-avviż dwar il-vittmi u editorjal dwar is-Sette Giugno*



Wenzu Dyer    Manwel Attard    Ġużeppi Bajada    Karmnu Abela

Dak iż-żmien kien twaqqaf Kumitat fi ħdan l-Assemblea Nazzjonali mmexxi mill-Avukat Nerik Mizzi li ħa ħsieb il-feruti u l-familjari tal-mejta billi ħarġulhom kumpens xieraq. L-ammont ta' dan il-kumpens kien wieħed relatat mal-gravità tal-każ, ovvjament l-akbar ammont jingħata lill-familji jew qraba tal-mejtin. Ir-rapport jikkonferma li l-Kumitat għen lill-familji tal-vittmi permezz ta' għajnuna finanzjarja u mezzi oħrajn. Kien hemm uħud mill-familji tal-feruti li m'aċċettawx donazzjoni. Enrico Mizzi niżżel nota miktuba minnu stess fir-rapport li tgħid li kienet ġiet issussidjata l-familja ta' vittma ieħor li miet xi xhur wara bil-konsegwenzi tal-feriti li ġarrab waqt l-irvell tas-Sette Giugno. Il-funeral tal-imsemmija vittmi tħallas mis-soċjetajiet La Vallette u *King's Own*, għas-somma ta' £45.12s02d. Dawn l-imsemmija dokumenti u oħrajn jinsabu fl-arkivji tal-Fondazzjoni Fortunato u Enrico Mizzi.




*8 ta' Ġunju 1919 – Ġbir ta' flus għall-vittmi tal-irvellijiet tas-Sette Giugno quddiem il-Main Guard fejn miet Wenzu Dyer.*

## Qabar għall-Vittmi tas-Sette Giugno:

Fl-1 ta' Ottubru 1919, jiġifieri tliet xhur wara l-mewt tal-vittmi, Dott Attilio Critien, Tabib Prinċipali tal-Gvern u Supretendent tas-Saħħa Pubblika, kien ittrasferixxa sit fiċ-Ċimiterju ta' Santa Maria Addolorata u spazju viċin ta' 65 pied kwadru għas-somma ta' £5.03 xelini (£2 tas-sit u £3.03 tal-ispazju), lil Giovanni Bencini, benestant mill-Furjana u Edoardo Borg li riedu u ordnaw li fis-sit mogħti lilhom bil-kuntratt tal-1 ta' Ottubru 1919, ma jista' jindifen ħadd ħlief l-erba' vittmi, Lorenzo Dyer, Emmanuele Attard, Giuseppe Bajada u Carmelo Abela.

Fil-25 ta' April 1921, quddiem in-Nutar Salvatore Borg Olivier sar kuntratt li fuq ħlas ta' £20 ssir quddiesa perpetwa u jinxtegħlu xemgħat għal ruħ il-vittmi. Dan il-kuntratt ġie ffirmat fuq naħa minn Patri Felice Scicluna, Gwardjan OFM tal-Furjana, u l-Perit Emmanuel Borg, li rrappreżentaw il-komunità tal-patrijiet Kapuċċini tal-Furjana, u fuq in-naħa l-oħra Dott. Andrea Pullicino – President, Dott Enrico Mizzi – Segretarju, u Edoardo Borg – Teżorier tal-*Comitato Pro Vittime*.

Illum ilkoll nirrikonoxxu li l-ġrajja tal-Irvellijiet tas-Sette Giugno kellha parti importanti ħafna mill-




*Il-qabar tal-vittmi fiċ-ċimiterju Santa Marija Addolorata*

mixja lejn il-kisba tal-Indipendenza, kif ukoll parti integrali mill-istorja Politika u Ekonomika ta' pajjiżna. Ġrajja li fetħet it-triq lejn progress u żvilupp sostenibbli bl-ewwel pass tagħha jkun l-għoti tal-Kostituzzjoni tal-1921, fejn il-Maltin beda jkollhom sehem ferm aktar sħiħ u qawwi fit-tmexxija ta' pajjiżhom. Dan hu jum li fuqu m'hemm l-ebda qasma politika imma huwa aċċettat minn kulħadd.

***Referenzi:***


- Artiklu "Heritage" Vol.1. Paġna:109-114.
- Artiklu tal-Ħabib tiegħi Richard Muscat *Mument 2 ta' Ġunju 2019* Paġni: 6&7.
- Intervista ta' Dione Borg, ma' Peppi Gellel ta' 103 snin, mill-Birgu Malta, li saret fl-2009 u xxandret fl-2019 fuq NET TV LIVE. Dakinhar Peppi kellu biss 10 snin u mar il-Belt biex jixtri xi ftit pastini għall-festa.


100 SENA SETTE GIUGNO



*Il-monument tas-Sette Giugno fil-post oriġinali tiegħu fil-Pjazza tal-Palazz, il-Belt Valletta.*

## Nifirħu lill-Ex-President tal-Banda tagħna – **Dr Raymond Xerri**



Il-Bord Editorjali tal-Eku tal-Banda, il-Kumitat Eżekuttiv, is-Surmast, il-Bandisti, l-Aljievi u membri tal-Għaqda Mużikali *Ite ad Joseph* – Qala jixtiequ jifirħu lill-Ex-President tal-Banda tagħna u Diplomatiku Professjonali fil-Korp Diplomatiku Malti, Dr Raymond Xerri tal-kariga ġdida u prestiġjuża li ngħata.

Fl-1 ta' Lulju 2019, Dr Raymond Xerri ġie appuntat il-Konslu Ġenerali tar-Repubblika ta' Malta għall-Commonwealth tal-Kanada, ibbażat fil-Belt ta' Toronto, qalb ħafna mijiet ta' Qalin, u eluf ta' Għawdxin u Maltin li jgħixu f'din u madwar din il-Belt. Hu ser ikun responsabbli li jassisti lil madwar 40,000 ċittadin Malti u Għawdxi u 200,000 persuna ta' dixxendenza Maltija u Għawdxija li jgħixu f'dan it-tieni l-ikbar pajjiżi fid-dinja.

